***Worksheet* Ġ6.3.1**
Naraw kemm u x'tipi differenti ta' skart qegħdin niġġeneraw fil-Gżejjer Maltin.

**Għall-interess tagħna:**

Din l-istampa tagħtina idea tal-ammont kbir ta' skart li qegħdin nipproduċu kull sena fil-Gżejjer Maltin. Fil-qiegħ tal-istampa hemm il-grawnd nazzjonali tal-futbol ta' Ta' Qali. Il-bini li hemm fuqu fih 80 sular. Nikkalkulaw li kull sena qegħdin nipproduċu skart biżżejjed biex nordmu l-grawnd nazzjonali tagħna bi 80 sular ta' skart.





**Dan huwa wisq**
**u jekk ma noqogħdux attenti,**
**nistgħu noħolqu problemi kbar**
**għalina u għal ta' warajna.**

Dan l-iskart kollu ġej:

- mid-djar (skart domestiku)
- mil-lukandi u r-ristoranti
- mill-fabbriki (skart industrijali)
- mill-industrija tal-bini (skart tal-kostruzzjoni)

**A: Ikteb dan l-iskart fil-kolonna t-tajba.**

*landa tat-tonn taż-żejt vojta*

*tazzi tal-ħġieġ imkissrin f'bar*

*magazines għat-turisti*

*ġebel minn dar imwaqqgħa*

*biċċiet tal-injam mill-workshops*

*T-shirt qadim*

*qxur tal-basal*

*pajp tad-dawl użat*

*żerriegħa tad-tadam*

*saqqijiet użati f'ħotel*

*madum imkisser*

*tissues użati waqt l-ikel f'bar*

*fdalijiet mill-produzzjoni tal-ġugarelli*

*brochures tat-turisti*

*qxur tal-patata*

*kanna tal-ilma mkissra*

*biċċiet żgħar tal-aluminju*

*fdalijiet minn kamra tal-banju mkissra*

*aċidu tal-batteriji*

*kimika velenuża*

| **skart domestiku** | **skart mil-lukandi u r-ristoranti** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

| **skart industrijali** | **skart tal-kostruzzjoni** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

**B: Imla kif mitlub**.

1. Ikteb ħames affarijiet li rmejtu mid-dar tagħkom dan l-aħħar.

   (a) ______________________________

   (b) ______________________________

   (c) ______________________________

   (d) ______________________________

   (e) ______________________________

2. Ikteb ħames affarijiet li jintremew fil-*bin* tal-klassi tiegħek.

   (a) ______________________________

   (b) ______________________________

   (c) ______________________________

   (d) ______________________________

   (e) ______________________________

3. Ikteb *slogan* jew messaġġ bl-iskop li min jarah isir iktar konxju mill-problema tal-iskart.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________